**Id-59 edizzjoni tal-iSportMalta Awards Għażliet Sportivi Nazzjonali**

Nhar is-Sibt 23 ta' Frar 2019 l-Għaqda Ġurnalisti Sports flimkien ma' SportMalta se jorganizzaw edizzjoni oħra ta' SportMalta Awards Għażliet Sportivi Nazzjonali. Din is-serata se tixxandar diretta fuq TVM2 mis-7.30pm 'il quddiem. L-edizzjoni ta' din is-sena hi d-59 edizzjoni sa minn meta beda jkun organizzat il-konkors Sportiv tas-Sena lura fl-1960.

B'kollox se jingħataw 11-il unur li minnhom se jkun hemm 7 kategoriji li l-unur se jitħabbar waqt votazzjoni tal-ġurija komposta minn ġurnalisti tal-Isport. L-edizzjoni ta' nhar is-Sibt se tkun qed tirrikonoxxi l-kisbiet tal-atleti u l-uffiċjali matul is-sena 2018.

Tajjeb li nagħtu ħarsa lejn min huma dawn l-atleti u l-uffiċjali.



Fil-Kategorija **SPORTIV TAS-SENA** għandna lil **Isaac Bezzina l**i kiseb il-midalja tal-fidda fil-**Judo** fil-logħob tal-Commonwealth fil-kategorija 90 kilogramma.




**Justin Caruana Scicluna** li rebaħ tliet midalji fil-loghob tal-Mediterran **fit-Ten Pin Bowling**



**Stefan Farrugia** li fl-isport tar-**Raffa r**ebaħ  midalja tal-bronż fil-Loghob tal-Mediterran.



t-tiratur **Brian Galea** li fl-i**Sparar Trap** rebaħ il-midalja tal-Bronż fil-logħob tal-Commonwealth li saru fl-Awstralja.



Is-sewwieq **Rodney Gatt** li rebah tiġrija fil-kampjonati Ewropej tat-Tiġrijiet taż-Żwiemel u spiċċa fis-sitt post overall fl-istess kampjonat biex b'hekk ikwalifika għall-kampjonati tad-dinja għal ġerejja professjonali.



Għall-**iSPORTIVA TAS-SENA** għandna lil **Eleanor Bezzina** li spiċċat fir-raba' post fl-10m u fil-25m Air Pistol fil-Logħob tal-Commonwealth fil-Gold Coast u spiċċat fis-7 post fil-Logħob tal-Mediterran 2018.



**Hannah Pace** li spiċċat fi tieni post fil-Kampjonati Ewropej tat-**Triathlon** fl-2018 kif ukoll klassifikat fit-tielet post fl-Ironman fl-2018 f'Copenhagen id-Danimarka.



**Colette Sultana** li kienet Semifinalista fis-South Australian Open fost diversi turnaments prestiġjużi li ħadet sehem fihom fl-i**Squash**.




**Charlotte Wingfield** li fl-**Atletika** rebħet il-midalja tal-Bronż fil-200 metru, fil-kampjonati tal-atletika tal-Pajjizi Żgħar tal-Ewropa.



**Sara Xuereb** li rebħet żewġ midalji tal-Fidda fil-kampjonati tal-Mediterran tat-**Ten Pin Bowling**. Rebħet ukoll midalja tal-Bronż fil-European Youth Championship u rebħet il-kampjonat Nazzjonali tal-MTBA 2018.




**Il-Weightlifter Yazmin Zammit Stevens** li kkwalifikat għal-Logħob tal-Commonwealth u kkompetiet ukoll fil-Logħob tal-Mediterran u fl-Eleiko International Tournament fejn rebħet il-midalja tad-deheb fil-kategorija tagħha. Fil-Logħob tal-Commonwealth spiċċat fis-7 post filwaqt li fil-Logħob tal-Mediterran spiċċat fil-5 post.



Bħala **UFFIĊJAL TAS-SENA** għandna lil **Stephen Aquilina** mill-**Malta Shooting Sport Federation** li kien strumentali fl-organizazzjoni tat-tappa tal-2018 tat-Tazza tad-Dinja tal-Isparar fejn mexxa l-kumitat organizattiv.



**Frans Bugeja** mill-**Malta Billiards & Snooker Association** li ħadem sabiex sa fl-aħħar l-Assoċjazzjoni jkollha l-binja tagħha fejn għall-ewwel darba il-logħob tal-kampjoanti tal-isnooker beda jsir f'din l-akkademja l-ġdida.



**Anna Calleja** li kkordinat u kienet strumentali sabiex jiġi preparat b'mod professjonali l-akbar kontinġent ta' atleti minn **Special Olympics** Malta li f'Marzu li ġej se jieħdu sehem fil-World Games f'Abu Dhabi.




**Vincent Degiorgio** mill-**Malta Pool Association** li għas-seba' darba mill-2002 organizza l-Kampjonat Ewropew f'Malta tal-Pool bil-parteċipazzjoni ta' 550 player.




**Bernard Vassallo** mill-**Malta Basketball Association** li huwa referee internazzjonali mill-1996. Fl-2018 ikkontrolla total ta' 43 logħba fil-kamp Ewropew. Fl-2018 sar ukoll l-ewwel Malti li akkwista ċ-ċertifikazzjoni bħala FIBA Referee Instructor.

Fil-kategorija dedikata għall-**KOWĊ TAS-SENA** nsibu lil **Jesmond Caruana** President tal-**Malta Weightlifting** Association u kowċ personali ta' Yazmin Zammit Stevens li sa mill-2015 irnexxielu jwassalha għall-kwalifikazzjoni fil-Logħob tal-Commonwealth fejn temmet fis-7 post fil-kategorija tagħha.




**Damian Neil** li mexxa lit-tim Nazzjonali tar-**Rugby** għall-ogħla ranking fl-IRB meta it-team laħaq is-36 post fir-rankings  minn 102 pajjiż. Għat-tieni sena konsekuttiva t-team rebaħ il-Grupp Conference South 1 u ilu ma jitlef logħba home tliet snin.



**Karl Izzo** li mexxa lit-tim Nazzjonali tal-**Waterpolo** tal-kbar għat-tieni sena konsekuttiva għall-kwalifikazzjoni fil-Kampjonati Ewropej tal-waterpolo tal-LEN 2018.



**Winston Muscat** li mexxa lit-tim Nazzjonali tal-**Futbol** ta' taħt id-19-il sena għat-tielet post fil-grupp ta' kwalifikazzjoni tal-kampjonat Ewropew tal-UEFA U19 b'rebħa fuq il-Litwanja, draw mal-Belġju u telfa ta' 1-0 kontra Franza.



**Andrea Paccarie** li mexxa lit-team Nazzjonali tal-Basketball għar-rebħ tal-Midalja tad-deheb fid-Diviżjoni rispettiva fil-FIBA European Championships for Small States.





Fil-Kategorija **ŻAGĦŻUGĦ TAS-SENA** hemm **Jurgen Balzan** tat-**Table Football** li rebaħ il-Major ta' Milan fl-Italja U19 u wasal sal-finali tal-Grand Prix tal-Belġju U19 fost kisbiet oħra.



**Jacob Elaida** li kien Semifinalist fil-200m fil-Kampjonati Ewopej U18 tal-**Atletika**.



**Jake Muscat** li ġie magħzul bħala ASA player tas-sena U15. Lagħab f'kull skwadra ta' Neptunes fil-kategorija U15, U17, U20 u mat-team tal-kbar fejn rebaħ ukoll il-kampjonat tal-**Waterpolo** tal-ASA.




**Kijan Sultana** li fl-i**Squash g**ħalaq is-sena fit-tieni post tar-rankings Ewropej tal-U15 u rebaħ l-Australian Junior Open 2018.



**Saul Vassallo** fl-**Ibburdjar** rebaħ midalja tal-Fidda fis-Silver Fleet fil-kampjonat tad-Dinja li sar f'Ċipru fost 78 baħri żagħżugħ.

Fil-Kategorija **ŻAGĦŻUGĦA TAS-SENA** hemm Ella Borg li fil-**Ġinnastika** rebħet midalja tad-deheb fil-Beam, fidda fil-Vault, u Bronż fil-Floor waqt il-Logħob tal-COJI 2018. Rebħet ukoll il-kampjonat Nazzjonali li saru f'Diċembru 2018.



**Francesca Curmi** li fit-**Tennis** rebħet kontra diversi tennisti li huma fit-top 100 fil-kategorija Juniors Nisa u kkwalifikat għall-Wimbledon Juniors u l-Australian Open Juniors.



**Francesca Falzon Young** li fl-**Għawm** ikkwalifikat għall-Youth Olympic Games 2018 u kisret ir-rekord Nazzjonali fil-50m backstroke. Waqqfet rekords Nazzjonali fix-Short Course fil-100m Fly, 200m Free, 100m Free u 50 Free.



**Il-Weightlifter Shelby Mangion Vassallo** li kkompetiet fil-Youth Olympic Games, fil-Youth European Championships u fil-European Union Cup. Fil-Youth Olympic Games kisret ħames rekords nazzjonali fil-kategorija tagħha.



**Sara Xuereb** li rebħet żewġ midalji tal-Fidda fil-kampjonati tal-Mediterran tat-**Ten Pin Bowling**. Rebħet ukoll midalja tal-Bronż fil-European Youth Championship u rebħet il-kampjonat Nazzjonali tal-MTBA 2018.



Fil-Kategorija tat-**TIM TAS-SENA** hemm **it-Tim Nazzjonali tal-Basketball** li rebaħ il-midalja tad-deheb fil-Kampjonati Ewropej tal-FIBA għall-Pajjiżi ż-Żghar.



**It-Tim Nazzjonali tal-Futbol Irġiel U19** li kiseb total ta’ 4 punti fil-Grupp ta’ kwalfikazzjoni għall-Kampjonati U19 tal-UEFA bi draw mal-Belġju, rebħa kontra l-Litwanja u telfa minima ta’ 1-0 kontra Franza.



**It-Tim Nazzjonali tal-Lawn Bowls** li rebaħ il-midalja tal-Bronż fil-Logħob tal-Commonwealth li saru fl-Awstralja.



**It-Tim Nazzjonali tar-Rugby tal-Irġiel** li s-sena 2018 fissret l-ogħla post fir-rankings tad-dinja tal-IRB. Għat-tielet sena konsekuttiva t-team Malti baqa' mhux megħlub f'pajjiżna u rebaħ il-Grupp Conference South 1.



**It-Tim Nazzjonali tal-Waterpolo tal-Irġiel** li għat-tieni darba fl-istorja tal-waterpolo lokali t-team Malti kwalifika għal Kampjonati Ewropej tal-LEN.



Għal **PEOPLE'S CHOICE AWARD** għandna lit-tiratur **Brian Galea** li hu rebbieħ tal-Midalja tal-Bronż fil-logħob tal-Commonwealth





Lil **Robert Portelli** li jaħdem ħafna sabiex jiġbed talent ġdid għall-logħba tar-**Rugby**




**Fabio Spiteri tat–Triathlon** li hu l-ewwel Malti li rnexxielu jispiċċa t-Triple Iron Man World Championship



**Rebecca Xuereb** li fil-**Ġinnastika** rebħet Midalja tal-Bronż fil-logħob tal-Coji




**Il-Weightlifter Yazmin Zammit Stevens** li kkwalifikat għal-Logħob tal-Commonwealth u kkompetiet ukoll fil-Logħob tal-Mediterran u fl-Eleiko International Tournament fejn rebħet il-midalja tad-deheb fil-kategorija tagħha. Fil-Logħob tal-Commonwealth spiċċat fis-7 post filwaqt li fil-Logħob tal-Mediterran spiċċat fil-5 post.